MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Rikors Generali Numru. 347/2013

Direttur tad-Dipartiment Ghal Standards fil-Harsien Socjali

Vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fid-9 ta' Lulju 2013 li permezz tieghu r-rikorrent ippremetta:

Illi dan ir-rikors qieghed isir ai terimini ta' l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri (Kap 410) li bih gew irratifikati zewg Konvenzjonijiet dwar l-aspetti civili ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' decizjonijiet dwar kustodja.

Illi r-rikors jirrigwarda l-minuri H I li twieldet fit-3 ta' Gunju 2006 fir-regjun ta' Ontario fil-Kanada u H hija l-wild tas-Sur T I u tas-Sinjura C D illi kienu bdew relazzjoni fl-2004 u r-relazzjoni taghhom intemmet fis sena 2010.

Illi fil- 25 ta' Mejju ta' l-2010 huma iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fejn iddikjaraw illi l-minuri ghandha tghix ma l-omm filwaqt li l-missier ghandu jkollu access ampju ghat-tifla tieghu u dan certifikat hawn anness u immarkat bhala Dok HS1. Intant bejn Mejju u Settembru tas-sena 2010 il-missier T kien jaghmel access regolari ma bintu H u hu kien jqatta diversi sieghat fil-gimgha maghha.

Illi fl-1 ta' Settembru 2010 tramite l-avukat il-missier T ta permess lil C sabiex hija tigi f'Malta mal-minuri C **biss** ghall-perjodu ta' 75 gurnata, jigifieri bejn l-5 ta' Settemrbu u  19 ta' Novembru 2010 u dan skond skrittura privata hawn aness u immarkata bhala Dok HS2.

Illi meta ghadda dan iz-zmien il-missier T I ghamel kuntatt ma' l-Omm C u dina informatu illi hija xtaqet tibqa f'Malta u ma kienetx ser tirritorna lura lejn il-Kanada.

Illi minn dak inhar l-quddiem huwa ghamel diversi tentattivi sabiex jikkomunika ma l-omm C D sew bil-kitba u sew bit-telephone imma hija qatt ma wegbitu.

Illi f'Jannar 2011 huwa ghamel kuntatt ma avukat tal-legal aid fil-Kanada u f'Marzu 2011 bdew proceduri bejn l-Awtoritajiet Centrali fil-Kanada u f'Malta sabiex it-tifla tirritorna lura lejn il-Kanada.

Illi din l-informazzjoni hija mahlufa mill-missier T I fil-Kanada permezza ta' affidavit u kopja ta' tali document hu annessi u immarkat bhala Dok HS3.

Illi fit-18 ta' Marzu 2011 l-Awtorita Centrali f'Malta irceviet talba minghand l-Awtorita Centrali f'Ontario il-Kanada sabiex hija tmexxi b'applikazzjoni ghar-ritorn tal-minuri Chaira I.

Illi peress li l-kuntratt ta' separazzjoni bejn is-sur T I u s-sinjura C D ma kienx esplicitament jispjega illi l-missier ghandu l-Kustodja fuq bintu (illi huwa prerekiwzit sabiex issehh l-htif kif definit fil-Konvenzjoni) l-Awtorita Centrali f'Malta informat lil Awtorita Centrali illi hija ma setghetx tkompli bl-applikazzjoni.

Illi ghaldaqstant saru diversi komunikazzjonijiet bejn l-Awtorita Centrali f'Malta kif ukoll ma l-Awtorita Centrali fil-Kanada sabiex tigi iccarata l-problema ta' jekk il-missier kellu kura u kustodja meta l-Omm ma irritornatx lura il-minuri lejn il-Canada u lahqu ghaddew bosta xhur.

Illi fl-istess hin is-sur T I gab digriet mil-Qorti fil-Kanada li jesponi li l-minuri H I kienet mizmuma b'mod illecitu f'Malta minn Novembru ta' l-2010 l-quddiem meta l-omm ma irritornatx lura lejn l-Canada kif kien sippost. Din id-decizjoni tal-Qorti ittiehdet f'Novembru 2012 u tali decizjoni hija hawn annessa u immarkata bhala Dok HS4.

Illi wara id-decizjoni tal-Qorti fil-Kanada l-Awtorita Centrali f'Malta kienet regghet irceviet applikazzjoni sabiex tipprocedi b'kawza ghar-ritorn tal-

minuri u dan skind l-applikazzjoni li ntbghatet lil Awtorita f'Malta li kopja taghha hija annessa u immarkata bhala Dok HS5.

Illi ghaldaqstant l-Awtorita Centrali ta' Malta giet mitluba mill-Awtorita Centrali fil-Kanada sabiex ai termini ta' Artikolu 7 tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Civili fis-Sekwestru Internazzjoni ta' Minuri jigi skopert fej tinsab l-minuri u jinkiseb ir-ritorn immedjat taghha.

Illi intant instab illi l-minuri kienet qed toqghod flimkien ma l-omm C D.

Illi l-Awtorita Centrali ta' Malta giet awtorizzata minn missier il-minuri sabiex tagixxi ghan-nom tieghu u dan kif jidher mill-awtorizzazzjoni hawn annessa u immarkata bhala Dok HS6.

Illi fil-kaz odjern meta l-intimata gabet lill-ulieda minuri f'Malta (u konsegwentament biddlet l-*habitual residence* taghhom minghajr l-kunsens tal-missieri) b'hekk kissret id-drittijiet tar-responsabbilità parentali u agixxiet b'mod illecitu ai termini ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni imsemmija aktar 'il fuq.

Illi l-missier ghandu dritt illi jkun partecipi fid-decizjonijiet important fil-bdil tal-*habitual residence* tal-minuri aktar u aktar kont tal-fatt li huwa kien qed jezercita id-drittijiet tieghu ta' genitur skond il-ligi civili tal-Kanada qabel mal-omm qabdet u nehhiet b'mod illecitu lil dawn il-minuri mill-Kanada. Dan  skond kif jidher mill-evidenza ipprovduta ma dan ir-rikors promutur u provi ohra li l-Awtorita Centrali kapaci tipproduci skond kif rikjesta minn din l-Onorabbli Qorti.

Talbet li l-intimat tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tordna ir-ritorn tal-minuri H I gewwa l-Kanada u sabiex fil-frattempt taghti dawk id-direttivi fl-interess tal-minuri koncernati, inkluz l-avviz lill-awtoritajiet koncernati,

biex huma jigu salvagwardjati milli jergghu jittiehdu b'mod illecitu minn go Malta ghal go xi pajjiz iehor, liema tnehhija taghmel ir-ritorn tal-minuri fil-habitual residence taghhom ferm aktar difficli u dan bi ksur esplicitu tal-Konvenzjoni dwar l-aspetti Civili tas-Sekwestru Internazzjoni ta' Minuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li in forza taghha hija eccepiet :

1. Fl-ewwel lok l-attur m'ghandux locus standi f'din il-kawza u dan ghaliex skond il-kapitolu 410 id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali ghandu jagixxi biss f'kaz li jkun hemm abduction ta' wild. Skond it-tifsira tal-kelma 'abduction insibu "abduction" means taking by force or the kidnapping of a person;' u f'dan il-kaz ma kien hemm xejn minn dan u ghalhekk il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju minnufih;
2. Illi in oltre u ukoll in linea preliminari il-konvenuta tecepixxi il lis alibi pendens peress li fil-Kanada hemm pendenti talbiet simili ghal liema talba il-konvenuta kienet npprezentat risposta ukoll nhar is-6 ta' Dicembru 2012 (Dok VD);
3. Fit-tielet lok kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita mill-attur stess l-assenti ragel tal-konvenuta u cioe T I <u>QATT</u> ma kellu l-kura u kustodja tat-tifla minuri H I u skond il-ftehim tas-separazzjoni li gie iffirmat mill-konvenuta u zewgha l-assenta T I il-minuri giet fdata f'idejn l-omm. Jinghad fil-kuntratt esebit fl-atti u markat bhala Dok HS 1 li "Primary residence of the child is with the mother, reasonable access upon reasonable notice as decided by the parties." Ghalhekk il-konvenuta li ghadha id-dover u responsabilita tal-minuri sabiex izommha fil-kura u kustodja taghha. Kien ikun ferm irresponsabbli jekk il-konvenuta giet hawn Malta u baqghet hawn Malta u baghtet lil bintha lura lejn il-Canada meta hija kienet bi hsiebha tghix hawn.
4. Jinghad li mhux minnu li it-tifla minuri H giet hawn Malta illegalment u ghalhekk din il-konvenzjoni fuq citata ma tapplikax u dan ghaliex kien l-istess ragel tal-konvenuta T I li ta l-kunsens tieghu sabiex il-minuri tigi hawn Malta fi zmien meta it-tifla kellha l-iskola u dan kif jirrizulta mill-ftehim esebit fl-atti datat 1 ta' Settembru 2011 markat bhala Dok HS 2.

5. Illi l-konvenuta giet hawn Malta bit-tifla bil-ghan li taghti hajja ahjar lil bintha H u dan ghaliex gewwa il-Canada it-tifla kienet ser tbati. Il-missier tat-tifla T huwa bniedem alkoholiku, bla impieg tant li in effett anke l-ghajnuna legali talab sabiex jinizja dawn il-proceduri, qatt ma ta sold manteniment lit-tifla ghalkemm illum ghandha sebgha snin. Illi jekk tigi ordnata tirritorna lura Malta din il-minuri sejra tghix man-naniet paterni li zgur mhux fl-interess tat-tifla.
6. Jinghad li meta il-konvenuta u T I waslu fi ftehim kif kellhom jisseparaw ad mensa et thor il-partijiet kienu waslu ghall-ftehim bonarju dwar il-kustodja tat-tifla minuri H u fil-fatt din giet assenjata lill-konvenuta b'access ghar-ragel.
7. Illi minn dakinhar tal-firma tal-ftehim il-konvenut mhux veru kien ikollu access regolari ma bintu u lanqas ma ken ikollu xi quality time maghha stante il-vizzju mishut tax-xorb zejjed li ghandu. Tant hu hekk li anke l-impjieg li jkollu jitilfu kollu u dan ghaliex huwa ghazzien ghax-xoghol;
8. Ili minn imkien fil-ftehim Dok HS1 ma jirrizulta li l-konvenuta kienet projbita li igib lil bintha hawn Malta u fl-fatt anke meta talbet lil zewgha dan ma oggezzjonax tant li iffirmalha id-dokumentazzjoni esebita;
9. Illi huwa issa wara li it-tifla ilha hawn tlett snin li iridha lura meta it-tifla gja tinsab settiljata l-iskola hawn Malta u zgur li jkun ghad-detriment kbir taghha kieku kellha tigi translokata ghal pajjiz iehor;
10. Illi missier it-tifla qatt ma wera xi interess f'bintu tant li qatt ma kkmunika maghha lanqas telefonikament hlief ghal ftit okkazzjonjiet fil-bidu u lanqas qatt ma baghat jew offra li jibghat xi manteniment minkejja li l-konvenuta hija rinfaccjata b'hafna kontijiet ta spejjez fir-rigward taghha;
11. Jinghad ukoll li skond il-kuntratt ta separazzjoni r-ragel T kellu diversi obbligi li kien intrabat bihom pero minkejja dan kollu ma jidhirx li qed jonorhom fosthom dawk li jirrigwardaw 'child support', financial disclosure;
12. Jinghad li l-konvenuta ritornat hawn Malta ghaliex kienet qed tibza minn T I li huwa alkoholiku u irresponsabbli ghal l-ahhar tant li lanqas impieg ma izomm (vide Dokument B hawn anness). Meta fil-fatt waslet hawn minnufih bdiet proceduri sabiex tottjeni il-kura u kustodja ta din it-tifla u fil-fatt kienet inizjat proceduri quddiem il-Qrati ta' Malta f'Dicembru 2010 fejn talbet li ikollha il-kura u kustodja tat-tifla u t-talba taghha giet milqugha permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti kif

preseduta nhar it-13 ta’ April 2012 skond is-sentenza hawn anness u markata Dok A;

13. Fil-fatt quddiem din il-Qorti fl-atti ta’ dik il-kawza il-konvenuta kienet spjegat lil din il-Qorti ir-raguni ghaliex kienet giet lura Malta u a bazi tax-xhieda li kienet resqet din il-Qorti kienet laqghet it-talba taghha u ghalhekk illum il-konvenuta hija gustifikata sabiex toqghod hawn Malta ma bintha;
14. Illi in principju hija taqbel ma l-ordni moghtija provizorjament minn din il-Qorti li il-minuri m’ghandhiex titlaq minn dawn il-Gzjejjer u ghalhekk a bazi ta’ din l-ordni temporanja il-konvenuta titlob li it-talba tar-rikorrenti tigi michuda;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimata;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Ottubru 2013 (fol 63 tal-process);

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tad-Direttur rikorrenti sabiex il-Qorti tordna r-ritorn tal-minuri H I gewwa l-Kanada b’dawk id-direttivi opportuni fl-interess tal-minuri.

Min-naha taghha l-intimata toggezzjona bil-qawwa ghal tali talba u tressaq numru ta’ eccezzjonijiet.

**<u>Il-Verzjoni ta’ T I</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[1], T I jispjega li huwa l-missier naturali tal-minuri H li twieldet nhar it-3 ta' Gunju 2006 li ghexet hajjitha kollha f'Ontario l-Kanada. Jghid li l-minuri ilha tghix mal-intimata ommha minn mindu sseparaw u cioe' nhar il-25 ta' Mejju 2010 b'dan li sa' qabel Settembru 2010 kien jezercita access regolari ghall-istess minuri u kien jaraha tlieta jew erba' darbiet fil-gimgha.

Imbaghad l-intimata infurmatu li riedet tigi Malta bejn Settembru 2010 u Novembru tal-istess sena u ta l-permess tieghu ghal dan. F'dan il-perjodu ezercita d-dritt tieghu ta' access nhar ta' Hadd permezz tat-telefon  pero' malli waslet id-data meta l-minuri kellha tmur lura lejn il-Kanada, l-intimata infurmatu li ma kienitx f'posizzjoni li ssiefer ghaliex kienet *too depressed to fly.* Staqsiha meta kienet ser terga' tmur lura lejn il-Kanada u l-intimata qalet li forsi x-xahar ta' wara, pero' fil-verita' l-minuri qatt ma regghet irritornat lejn il-Kanada ghalkemm zamm kuntatt mal-intimata permezz tat-telefon.

Ha l-passi legali b'dan li inghata l-parir li ma setax jipprocedi minghajr ma kellu xi ordni ta' kura u kustodja jew ftehim.

**<u>Il-Verzjoni tal-Intimata</u>**

Permezz tal-affidavit taghha, l-intimata[2] taghti deskrizzjoni tal-*background* familjari ta' T I b'dan li tghid li ghandu l-vizzju tal-*cannabis* kif ukoll tax-xorb. Tiddiskrivih bhala xurban li kien jitlef numru ta' granet tax-xoghol. Tghid li dawn kienu r-ragunijiet ghaliex telqet lil T I u sseparaw. Tghid li giet Malta bit-tifla bil-kunsens tieghu. Tghid ukoll li l-hlas ta' manteniment da parti tieghu kien sporadiku.

[1] Ara Dok. HS3 esebit a fol 13 tal-process
[2] Liema affidavit huwa esebit a fol 79 tal-process

Tiddikjara li wara s-separazzjoni, l-minuri dejjem ghexet maghha u li missierha qatt ma kellu kura u kustodja tal-minuri ghalkemm kellu d-dritt ta' access u tikkonferma li kien jezercita tali dritt ta' access xi tlieta jew erba' darbiet fil-gimgha, fil-prezenza taghha stess, ghalkemm izzid tghid li ma kienx hemm *interaction* mal-minuri. Tkompli tiddiskrivi lil T I fin-negattiv anke fis-sens li kien jisraq l-ikel, il-flus u l-birra minghand il-genituri tieghu. Tghid li kwantu ghall-hwejjeg u bzonnijiet ohra tal-minuri, kellha l-ghajnuna ta' habiba taghha ghaliex mieghu ma setghetx taffordja tixtri xejn.

Imbaghad permezz tax-xiehda taghha[3] l-intimata terga' tikkonferma li m'ghandha ebda ghajnuna finanzjarja da parti ta' T I u dan minkejja li l-istess T I ghandu ordni kemm mill-Qorti tal-Kanada kif ukoll mill-Qorti ta' Malta biex ihallas manteniment ghal bintu. Permezz tax-xiehda taghha ta' Dicembru 2014[4] l-intimata tammetti li veru li T I kien iffirma biss sabiex tigi Malta ghal perjodu definit, pero' tghid li minn dak inhar mar ghall-aghar rigward ix-xorb, it-tipjip tal-haxixa, tilef l-impjieg u anke gie mmultat fuq sewqan taht l-influwenza tal-*alcohol*.

**<u>Il-Provi Migbura</u>**

Illi d-Direttur rikorrenti, flimkien mar-rikors guramentat jannetti numru ta' dokumenti fosthom:

1. Id-Decizjoni tal-Qorti tal-Kanada li tghid li l-omm zammet b'mod illecitu lill-minuri H f'Malta[5] u li T I kien qieghed jezercita d-dritt tieghu ta' access anke fit-termini tal-ftehim ta' Novembru 2010;

[3] Datata s-7 ta' Lulju 2014 esebita a fol 157 tal-process
[4] Ara s-seduta datata t-12 ta' Dicembru 2014 esebita a fol 165 tal-process
[5] Ara Dok. HS4 esebit a fol 9 tal-process

2. Dok. HS2[6] li huwa dokument iffirmat minn T I li juri li huwa ta l-permess tieghu sabiex bintu ssiefer barra mill-Kanada ghall-perjodu ta' bejn il-5 ta' Settembru 2010 u d-19 ta' Novembru 2010;

3. Dok. HS1[7] li huwa kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn T I u l-intimata li jghid li r-residenza primarja tal-minuri ghandha tkun mal-omm filwaqt li l-missier ghandu jkollu access bi ftehim bejn l-istess partijiet;

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghar-risposta li kienet intavolat l-intimata ġewwa l-Kanada[8], kopja tal-*history* tal-impjiegi ta' T I[9] kif ukoll kopja tas-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti datata t-13 ta' April 2012[10].

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Stephanie Micallef[11] bhala ghalliema tal-iskola li tattendi l-minuri u wara li tipprezenta d-dokumentazzjoni relattiva, tiddikjara li l-minuri hija daqxejn misthija u tmur tajjeb fl-iskola u ghandha l-hbieb ukoll. Tghid li xogholha jsir dejjem u tajjeb b'dan li t-tifla qatt ma tkellmet fuq il-Kanada jew fuq missierha maghha. Marie Louise Farrugia[12] bhala l-Kap tal-istess skola li tattendi l-minuri wkoll tikkonferma dak li tghid Stephanie Micallef, b'dan li tiddiskrivi lill-minuri bhala tifla setiljata u li qatt ma tkellmet maghha fuq il-Kanada. Izzid tghid li l-minuri m'hijiex segwita minn *councillor*.

Il-Qorti taghmilha cara li l-mertu tal-kawza odjerna ma jdurx fuq min hu l-aktar genitur idoneju sabiex jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri jew sabiex jigi stabbilit x'inhu fl-ahjar interessi tal-istess minuri dwar ma' min ghandha tghix. Dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk l-intimata

[6] Esebit a fol 16 tal-process
[7] Esebit a fol 18 tal-process
[8] Ara Dok. A anness mar-risposta guramentata tal-intimata esebit a fol 30 tal-process
[9] Ara Dok. B. anness mar-risposta guramentata tal-intimata esebit a fol 35 tal-process
[10] Ara Dok. C anness mar-risposta guramentata tal-intimata esebit a fol 43 tal-process
[11] Datata t-23 ta' Mejju 2014 esebita a fol 89 tal-process
[12] Ara x-xhieda taghha datata t-23 ta' Mejju 2014 esebita a fol 89 tal-process

hatfitx lill-minuri fit-termini tal-Konvenzjoni jew le u cioe' jekk hemmx bazi bizzejjed sabiex din il-Qorti tordna r-ritorn tal-istess minuri gewwa l-Kanada jew le. Ghalhekk irid jinghad li kwalunkwe tentattiv da parti tal-intimata sabiex thammeg jew toskura lil T I m'ghandu ebda piz ghall-mertu tal-kaz odjern, *stante* li permezz tal-kawza odjerna mhux ser jigi deciz dwar jekk il-minuri ghandhiex tibqa' ma' ommha jew le jew ma' min ser tghix. Dak li jrid jigi deciz huwa jekk T I kienx qed jezercita d-dritt ta' access tieghu qabel ma l-intimata gabet lill-minuri hawn Malta kif ukoll jekk l-istess T I kellux il-kura u l-kustodja tal-istess minuri sabiex ikun jista' jkollu argument sod fil-konfront tal-intimata li naturalment ghandha l-kura u l-kustodja effettiva, peress li qieghda hawn Malta wahedha mal-minuri kif ukoll ghaliex fil-frattemp irnexxielha wkoll totjeni sentenza li permezz taghha inghatat il-kura u l-kustodja tal-istess minuri. Il-Qorti taghmilha cara wkoll li hija moralment konvinta li l-intimata hija omm idoneja u li qed taghti ghixien tajjeb lill-minuri izda dan mhux il-mertu tal-kaz odjern kif wara kollox mhux il-mertu tal-kaz odjern li jigi investigat jekk T I huwiex qed ihallas manteniment ghall-minuri jew le.

Ghalhekk stabbilit dak li jrid jigi deciz minn din il-Qorti, l-istess Qorti ser tghaddi sabiex tara u tevalwa l-principji applikabbli ghall-kaz odjern. Irid jinghad li l-partijiet ma jaqblux fuq il-kwistjoni tal-kura u l-kustodja tal-minuri. Irid jinghad li mill-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet jirrizulta li m'hemm xejn specifiku dwar kura u kustodja (ghall-anqas kif inhu miftiehem u interpretat fil-Qrati Maltin. Tali kuntratt jispecifika fejn ser tghix il-minuri (li hija meqjusa bhala r-residenza ordinarja tal-istess minuri) u tispecifika li ghandu jkun hemm access. Il-Qorti tara li fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni specifika ta' kura u kustodja, l-kura u l-kustodja tal-minuri kienet necessarjament wahda kongunta. Wiehed jista' jargumenta li l-kuntratt huwa sieket fuq il-kwistjoni ta' kura u kustodja u dan huwa minnu, imma allura fid-dawl ta' tali silenzju, wiehed ghandu jasal ghall-konkluzjoni assurda li hadd mill-genituri ma kellu l-kura u l-kustodja tal-istess minuri? Il-Qorti tghid ghalhekk li fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni favur l-intimata kwantu ghall-kura u l-kustodja tal-minuri, l-istess kura u kustodja kienet necessarjament vestita fiz-zewg genituri. Dan allura jfisser li l-ewwel

rekwizit ta' kura u kustodja (ghalkemm b'mod kongunt mal-intimat) gie sodisfatt da parti tal-missier. Naturalment dan kollu jghodd kwantu ghaz-zmien ta' qabel mal-minuri ingabet hawn Malta ghaliex naturalment, wara li l-istess minuri giet hawn u ghadda z-zmien, l-intimata inghatat il-kura u l-kustodja tal-minuri b'mod esklussiv. Izda l-punt kollu u l-kwistjoni kollha ddur fuq x'kienet is-sitwazzjoni fiz-zmien li l-minuri ingabet hawn Malta u mhux x'gara sussegwentement.

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 3 tal-Kap 410 li huwa applikabbli ghall-kaz odjern u dan *stante* li l-minuri kienet is-soltu toqghod (habitually resident) fil-Kanada qabel ma ngabet Malta (u dwar dan m'hemm ebda dubju u lanqas huwa kontradett mix-xhieda) kif ukoll mill-fatt li kif gie diskuss aktar 'il fuq, iz-zewg genituri kellhom il-kura u l-kustodja kongunta qabel ma t-tifla kienet ingabet f'Malta.

It-tieni rekwizit li l-istess missier kellu jipprova kien dak li fiz-zmien li l-minuri ingabet hawn Malta kien qieghed fattwalment jezercita d-dritt ta' access tieghu ghall-minuri. Il-Qorti tara li anke dan ir-rekwizit gie sodisfatt *stante* li mhux ikkontestat mill-partijiet li qabel ma l-minuri ingabet Malta, l-missier kien jara lil bintu tlieta jew erba' darbiet fil-gimgha (u dan b'ammissjoni da parti tal-intimata stess). Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-Artikolu 13a tal-Kap. 410 li jispecifika li l-Qorti m'hijiex obbligata taghmel ordni ta' ritorn ta' minuri meta l-genitur ma jkunx qed jezercita d-dritt ta' access tieghu izda dan certament mhux il-kaz. L-istess irid jinghad dwar l-argument li ggib l-intimata fis-sens li l-minuri ingabet Malta bil-kunsens tal-missier. Huwa minnu li l-missier ta l-kunsens tieghu biex l-intimata tigi Malta bil-minuri (u ta' dan hemm prova bil-miktub), izda l-istess prova turi bl-aktar mod car li l-kunsens tal-istess missier kien wiehed relatat ma' perjodu specifiku li allura juri li qatt ma ta l-kunsens tieghu sabiex il-minuri tibqa' Malta b'mod indefinit. L-argument tal-intimata ghalhekk li giet Malta *in regola* ma jreggix fis-sens li ghalkemm bdiet il-process *in regola* l-mument li ddecidiet li ser tibqa' hawn Malta u ma tirritornax lejn il-Kanada skatta l-mument li l-istess minuri kienet hawn Malta minghajr il-kunsens jew l-approvazzjoni tal-missier.

Dak li trid tiddeciedi fuqu l-Qorti huwa jekk il-fatt li l-minuri ngabitx Malta u baqghet hawn jikkostitwixxix Sekwestru *ai termini* tal-Kap 410 tal-Ligijiet ta' Malta jew le u jekk tenut kont tac-cirkustanzi kollha tal-kaz, huwiex ekwu u gust li jkun hemm ordni ghar-ritorn tal-istess minuri gewwa l-Kanada. F'dan l-istadju ssir referenza ghal Artikolu 12 tal-Kap. 410 li jiddisponi illi "***l-awtorita' gudizzjarja jew amministrattiva, ukoll meta il-procedimenti jkunu inbdew wara li jkun ghalaq il-perjodu ta' sena msemmi fil-paragrafu ta' qabel, ghandha tordna wkoll ir-ritorn tal-minuri kemm –il darba ma jigix pruvat li l-minuri jkun issa adatta ruhu fl-ambjent gdid tieghu***". Irid jinghad li skond id-dokumentazzjoni fl-atti jirrizulta li l-minuri ngabet f'Malta fis-sena 2010 u cioe' erba' snin u nofs ilu. Minkejja li l-missier kien ta l-kunsens tieghu li l-minuri tingieb Malta ghal perjodu qasir (u dan fis-sena 2010), kien biss f'Lulju ta' tliet (3) snin wara li gew intavolati l-proceduri odjerni ghar-ritorn tal-istess minuri. Dan ifisser li l-minuri ilha f'Malta ghal dan iz-zmien kollu b'dan li l-proceduri gew intavolati madwar sentejn u nofs wara li l-istess minuri ingabet hawn Malta. L-missier jispjega li ghamel uzu mis-sistema tal-ghajnuna legali izda l-Qorti ma tistax ma ssemmix li xorta wahda halla wisq zmien biex jipprova jittenta jgib lura lil bintu l-Kanada. Mill-provi esebiti anke dawk tar-rapprezentanti tal-iskola tal-istess minuri (li huma meqjusa bhala xiehda indipendenti dwar il-hajja u l-izvilupp tal-minuri), jirrizulta li l-istess minuri tmur tajjeb u ghandha hajja tajba. Integrat tajjeb u adattat ruhha fl-ambjent il-gdid taghha ghalkemm irid jinghad li diga' ghaddew erba' snin u fuqhom minn mindu l-istess minuri bdiet tghix hawn Malta u konsegwentement jidher car li l-istess minuri adattat fil-hajja u s-sitstema taghna. F'dan il-kuntest issir referenza ghall-kawza C vs C[13] fejn inghad li:

"***what then is meant by the phrase the child is now settled in its new environment? It clearly means more than mere adjustment to surroundings. It is accepted that the concept of 'settled' has two constituents. It has a physical element of relating to being***

[13] C vs C, deciz fl-10 ta' Marzu 2010, Outer House of the Court of Session, tar-Renju Unit (Skozja). Ref No. (2008) CSOH 42, 2008 S.C.L.R. 329

***established in a community and an environment and it has an emotional constituent denoting security and stability. In cases where settlement is argued that court will need to examine the evidence relating to these twin constituents and ask itself whether that evidence demonstrates that the interest of the child is not being uprooted is so cogent that it outweighs the primary purpose of the Convention, namely the return of the child to the proper jurisdiction so that the child's future may be determined in the appropriate place***".

Il-Qorti tara li ghalkemm huwa minnu li hekk kif jargumenta d-Direttur attur, ix-xiehda tal-ghalliema u l-*headmistress* tal-iskola m'humiex xhieda li ghandhom xi kwalifici fil-qasam ta' psikologija, jibqa' l-fatt li l-istess minuri hija kuntenta hawn Malta, hija setiljata, ghandha hajja felici u fuq kollox, tikkonsidra Malta bhala pajjizha jew ghall-anqas il-post fejn tghix. L-istess minuri ilha Malta ghal numru ta' snin issa b'dan li ghamlet hbieb hawn, drat il-mod ta' kif nghixu l-Maltin, ghandha rutina u ghandha hajja tajba. Dan kollu jwassal ghall-konkluzjoni li l-istess minuri hija *settled* fil-parametri tal-Kap. 410. Wara li l-minuri ingabet Malta, bidlet l-ambjent b'mod drastiku, issa ilha hawn Malta ghal aktar minn erba' (4) snin. Il-Qorti tara li f'kaz li kellha tordna r-ritorn tal-minuri gewwa l-Kanada, l-istess minuri ser tghaddi minn trawma fejn ikollha thalli warajha l-hajja li tghix fiha (li qed taghti l-frott taghha kif jirrizulta mix-xiehda tal-ghalliema u l-*headmistress* tal-iskola), lil shabha u l-familjari li ghandha hawn Malta biex finalment tmur f'pajjiz fejn hemm biss missierha (bil-problemi kollha li ssemmew fil-proceduri odjerni). Il-Qorti tara li minflok  tordna r-ritorn tal-minuri issa, wara li ghadda tant zmien u wara li l-istess minuri stabbiliet hajja hawn Malta, tara li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li jigi applikat l-Artikolu 12 tal-Kap. 410 fis-sens li jigi dikjarat li l-minuri hija setiljata hawn Malta b'dan li adattat ruhha fl-ambjent gdid taghha (u dan anke in vista tat-trapass taz-zmien).

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tichad  it-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez fic-cirkustanzi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------